# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 10/2024

**Data tal-laqgħa:** 16 ta' Diċembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

## 10.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

10.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 9

10.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 9 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wassal il-kommunikat li irċieva min-naħa ta' TM biex jekk il-kunsill ikun ririd jagħmel xi arranġamenti fil-parkeġġi issa hemm linji gwida biex jew ikun hemm bżonn ta' struturar ġdid ta' xi kaxxi ta' parkeġġ dawn jistgħu jsiru min-naħa tal'Kunsill, iżda jridu jkunu riformi u jimxu ma' dawn il-linji gwida.

10.3.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera li kellu xi laqgħat mal-entita ' tal- Water Services fejn tkellmu fuq is-sistemi li hemm ġewwa Ħal Kirkop u xi pjanijiet ta' xogħol li jistgħu jsiru. Fosthom li titneħħa jew tutmexxa l-' borehole' li hemm biswit iċ-ċimiterju li din qed toħloq inkonvenjent kbir.

10.3.3 Is-Sindku kkommunika wkoll li kellu laqgħa wkoll mal- Enemalta. Fejn ukoll kien hemm taħditit fuq xi sistemi tad-dawl li hemm diġa' u xi oħrajn li jistgħu jsiru.

10.3.4 Is-Sindku ppropona lil Kunsill jekk jafx b'xi toroq li jistgħu jsiru arterjali biex b'hekk titnaqqas l-ispiża ta' manutenzjoni u tindif fuq il-Kunsill. Il-Kunsillera preżenti qali li hija xi ħaġa li jkun hemm ħsieb fuqha u tiġi diskussa darboħra.

10.3.5 Kommunikazzjoni oħra mis-sindku kienet li ntbagħat imejl lill-Awtorita tal-Ipjannar biex jara kem hemm fondi u kif dawn jistgħu jiġu utiliżżati. U r-risposta kienet li hemm €181,726 allokati għall-Kunsill ta' Ħal Kirkop.

10.3.6 Is-Sindku wasal ukoll li bħalissa hemm komunikazzjoni ma' rapreżentanti ta' bosta pajjiżi differenti fosthom, iċ-Ċina u Franza biex isir xi forma ta' ġemelaġġ biex Ħal Kirkop jibbeneffika minn dawn l-esprejnzi.

10.3.7 Is-Sindku ppropana biex il-Kunsill ikollu vann tl-elettriku biex b'hekk ikun ta' konvjent għall-residenti tal-madwar u jinqata' l-mod ta' transport li qed jintuża bħallisa.

10.3.7.1 Ġie ssuġerit minnu li tinbagħat imejl lil LESA biex minflok nipproċedu bit- Traffic Managenet Plan, ikun hemm investiment f' vann tal-elettriku. Apparti li hemm bosta fatturi pożittivi, fosthom li jitnaqqsu l-emmisjonijiet u jkun ta' kumdita' akbar għar-residenti.

10.3.8 Is-Sindku wasal ukoll kommunikat, rigward il-proċess ta' Vjal Kulħadd. Wasal imejl li jirrikjedi xi xogħlijiet u dokumenti oħra mil-perit biex b'hekk ikun jista jitkompla l-proċess.

## 10.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

10.4.1 Il-membri tal-Kunsill ma kellhom l-ebda mistoqsijiet.

## 10.5 Rapport tal-ilmenti

10.5.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet lment dwar il-parkeġġi li jkunu tal-blue Badge u m'għadhomx qed jintużaw. Ġie propost li jkun hemm kommunikat ma' l-entita li tieħu ħsieb u b'hekk jiġu aġġornati l-parkeġġi li hemm.

10.5.2 Ilment li wasal għand il-Kunsill kien min-naħa ta' TM mid-direttorat tal-avjazzjoni fuq it-tneħħija ta' ikel u xorb għal-qtates li jinstabu fil-viċinanzi taċ-ċnut tal-aerodrome. Dan huwa ta' inkovenjemt u ta' periklu saħansitra għall-inġenji u ajruplani.

10.5.2.1 Għalhekk il-Kunsill qabel li jiġu mneħħiha mil-aktar fis u anke ssir forma ta' għeluq biex ma jkunx hemm min jidħol u jitfa' l-ikel għall-qtates hemm.

10.5.3 Ilment ieħor li wasal għand il-Kunsill huwa ħabba akkumulazzjoni ta' ilma fit-trufijiet ta' triq il-Lewżiet u Triq il-Gudja. Inbagħat imejl diversi drabi biex jaraw jistax isir xi ħaġa imma l-kunisll baqa mingħajr risposta.

10.5.4 Il-Kunsill preċedenti kien wiegħed li ħa jsir pavimentar ġdid fi Triq Nerik Xerri min-naħa tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Peress li din issa qiegħda skedata ma' Infrastructure Malta, mhux ħa ssir min-naħa tax-xogħlijiet Pubbliċi.

10.5.4.1 Il-Kunsill bagħat imejl lil Infrastructure Malta biex jaraw hux possibli li jsir ix-xogħol min-naħa tal-Kunsill iżda l-Kunsill baqa' mingħajr risposta.

10.5.6 Il-Kunsill irċieva lment li fuq il-mappa ta' Tm li hemm fil-Belt Ħal Kirkop mhux mniżżel u talbu li titieħed azzjoni. Min-naħa tiegħu l-Kunsill ħa jibgħat imejl biex jaraw li titieħed xi forma ta' azzjoni mil-awtoritajiet ikkonċernati.

## 10.6 Attivitajiet organizatti mil-għaqdiet

10.6.1. Il-viċi Sindku Bernice Caruana ssuġerit li meta jkun hemm avvenimenti min-naħa tal-għaqdiet, il-Kunsill għandu jiġi nfurmat qabel fuq dawn l-avvenimenti u mhux ftit ġranet qabel meta jkun hemm bżonn ta' ebda oġġezzjoni.

10.6.2 Il-Kunsill qabel ma' dan u li għandu jiġi kkomunikat mal-għaqdiet.

## 10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

10.7.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru ____ kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

10.7.2 Is-Sindku Matthew Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. ___ tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Bernice Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.8.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

10.8.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 15 ta' Jannar, 2025 fil-17:00hrs.

10.8.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.30 5hrs.

**Mozzjoni Ref:** 01/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 157 tiġi approvata.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Loranna Bonniċi | Bernice Caruana |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Diċembru, 2024

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 02/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 9

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Bernice Caruana

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Diċembru, 2024

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**